# <u>Fr. Max, mort int ukoll!</u>

Ftit ilu ħallejna mistrieħ il-fdal ta’ P. Massimiljan Mizzi, ħuna fit-twemmin u fis-sejħa reliġjuża. Għadni kif ġej minn Assisi, mgħaxxex u għajjien f’ ħin wieħed, imgħattan bejn għafsa niket u wġigħ ta’ qalb. Xiħadd jista’ jistagħġeb u jgħid: “Dan xi kliem hu? Lanqas li ma kienx jemmen! Mhux biss, għal ġieħna, dan reliġjuż u patri! Il-mewt!? Mela aħna l-mewt ma nafux narawha f’ dawl ieħor? Ma nafux saħansitra ‘nifirħu’ fiha, narawha fuq livell ogħla? Mela aħna ma nafux xi tfisser, ta’ nsara li aħna?” Minnu kemm tridu imma ċerebrali, għeżież. Kif nagħmel biex ma narax is-swied tal-faldrappa (aħna kbirna biha!), imqar jekk bil-gallun tad-deheb? Kif nagħmel biex nixxabbat, ninqata’ mill-art, u nsib ruħi fuq livell ieħor, ogħla, meta l-għaġna tan-natura tittertaq?!

Ix-xema’ li jixgħel madwar it-tebut sieket mhux biżżejjed biex itaffi s-swied u l-kefen tal-mewt, u ’k inħares ’il fuq mhux biżżejjed biex ma nħossx it-toqol ta’ ġismi misluħ u l-brix li jweġġagħni jien u nixxabbat. Il-fidi hi virtù u mhix kelma! In kwantu virtù hija enerġija, naf, hija dinamika u mhix seħer li juri ħaġa b’ oħra. Il-mewt, f’ kull qasam, dejjem eżistenzjali, tqalliblek il-baħar madwarek u tkerrhu għaddiebi; u inti trid biex, qama wara oħra, u mhux ftit ġbid għal sidrek, barra minn li tibla’ ġo fik, tidħol fil-port u ssib il-mistrieħ ta’ l-ilma ħiemed li jbandlek.

Il-mewt dejjem mewt iżda, nafu wkoll, mhux kull mewt xorta. Mhux kull mewt tilħqek u taħqrek xorta waħda. Il-mewt ta’ l-għeżież tiegħek tagħmel bik ħafna iktar minn imwiet oħra. Imwiet oħrajn inikktuk imma ma jaħbtux miegħek bl-aħrax; mhux hekk dawk li jġarrab demmek jonkella l-ħbiberija. Kulħadd kien jistennieha, din, ta’ P. Massimiljan u ħafna qalulu, bil-fehma li jiswewlu ta’ ġid u ta’ wens f’ ħin wieħed, biex jinżel iqatta’ Malta l-bqija ta’ għomru, iżda hu ma kienx għadu ried iċiedi l-armi. Baqa’ jittama li jgħaddi għall-aħjar u jibqa’ jaħdem. Ma kienx jintelaq, ma riedx bħalkieku jaħrab biex, bil-mistrieħ, iżomm musbieħu jixgħel imqar ftit iktar ħin. U baqa’ Assisi mnejn ġabritu l-mewt. It-tempra li kellu u l-iskola Franġiskana hekk kienu għamluh, tarawx! Malta, barra minnha, kellu lil ħutu mid-demm. Ħabb lil ta’ Malta; le ma ried jinqata’ mill-aħwa ta’ xogħlu u ħidmetu.

*     *     *

Kont għadni nibda, jien, meta Giosi (hekk konna nsejħulu!) kien il-prefett; ir-Rabat kien sabiħ, kien dinja ġdida; kont għadni dieħel patri. Sa ħuti kienu ġodda. In-novizzjat ta' San Franġisk, hekk kien magħruf u hekk kienu jsejħulu, konna ngħodduh il-bejta tagħna kollha ħajja. Ma kienx għad hemm novizzi, iżda ma damux wisq ma bdew in-novizzjat dawk li kien hejja u wassal P. Feliċ Sammut. Arahom flimkien, Ġużeppi (Dumink) u Giosi (Massimiljan), Leli (Mikiel) u Kelinu (Eġidju), ma' Ġużeppi (Dovik) ieħor, quddiem P. Salv Tabone u jieħdu minn idejh mat-tonka isem ġdid. Magħhom kien hemm ukoll Karmenu Zammit (Kustanz), illum missier ta' familja fl-Awstralja. Man-novizzjat, 'k niftakar sewwa, Fra Dumink kien sar il-prefett tagħna.

Konna taħt saqaf wieħed, għalkemm, iżda konna mifrudin: novizzi għalihom u probandi għalihom; huma kellhom it-terrazzin bi ftuħ u aħna kellna l-biċċa kuridur il-wiesa' fejn norqdu, nistudjaw u nilgħabu. Il-kappella kienet ġewwanett taħt il-kampnar; dik kien jedha fiha Fra Dumink, u b' kemm għaqal! Ghall-"Angelus", il-prefett kien idoqq il-qanpiena u konna ninġabru lkoll, linja quddiem il-Qalb ta' Ġesù, b' daharna lejn iċ-ċella tas-Surmast. Meta kien ikun hemm kien joħroġ u jgħidilna t-talba hu. Konna nitolbu bil-ġabra, kif kienu jagħmlu żgħażagħ xewqanin għal ħajja ġdida. Jien ġie li kont naqbad ma' xiħadd min-novizzi iżda ma kienx jgħaddili minn moħħi u nirfes mill-għatba tal-bieb 'il ġewwa. Is-Surmast ma kienx iridna. Il-passiġġati kienu l-ossiġnu tagħna, il-bqija, il-ftit mit-twieqi u l-ieħor tagħna f' tagħna.

Ġie ż-żmien u Fra Eġidju ħalliena; is-Superjuri bagħtuh Ruma. Mhux ħafna wara telquna wkoll Fra Dumink, Fra Massimiljan u Fra Mikiel; lil dawn qabbduhom ir-rotta għal Padova. L-oriżżonti bdew jitwessgħu u ż-żgħażagħ ġodda bdew jiżdiedu; baqgħu deħlin ta' kull sena. Xi Għawdxi ma kienx jonqos u miegħu kien iġib bħal raxxa ġdida. Kulħadd għadda 'l quddiem u bil-għajnuna ta' Alla laħaq. Il-kapitlu provinċjali, li kien serraħ lill-Patri Serafin Galea, kien ħatar lil P. Piju Mamo; dan ma kienx nieqes minn programm li ra fit-tul. Kien beda jaħseb kmieni. Meta ġie ż-żmien, lil P. Massimiljan fdawlu l-probandi fi ħsiebu, Għawdex, u ħallewh jaħdem bil-għaqal li kellu. Għawdex kien biddel ħafna fi ftit żmien: araw kemm, kien kjerikat, sar novizzjat u wara probandat. Dan kien il-post u ż-żmien meta P. Massimiljan kien beda r-rapporti tiegħu diretti ma' l-oħrajn. U ż-żgħażagħ kienu "oħrajn" tabilħaqq, bil-ħeġġa tagħhom, bil-ħajja baqbieqa u bil-problemi wkoll, bħal kull min jikber. Darba kull xahar kont nitla' tlett ijiem

minn floku meta hu kien jinżel Malta jżur lil niesu. Fi żmienna t-tradizzjoni kienet importanti u kienet tirfed ir-raġuni ta' ħajjitna. Kien kburi bit-tonka.

Ma damx Għawdex, għax P. Vittorju M. Costantini, Ministru Ġeneral ta' l-Ordni, wara Isqof ta' Sessa Aurunca, talbu lill-Provinċjal u ħadu Rivotorto, Surmast tal-Fratelli Lajċi. Minn hemm għal Assisi; it-triq qasira u hemm mar u saddad. Hawn ħadem, l-ewwel man-novizzi u mbagħad fil-qasam ta' l-Ekumeniżmu u d-Djalgu Inter-reliġjuż. Kien wieħed minn ta' l-ewwelnett li nxteħet għal dax-xogħol. Bil-għaġna li kienet tatu n-natura u bil-formazzjoni reliġjuża-teoloġika tajba li kellu, minkejja li ma kellux togi jew berrettini b'erbgħa, seta' jiltaqa' u jibda jkun jaf nies imlaħħqin f' kull qasam, ċivili, kulturali u reliġjuż. Is-sempliċità tiegħu u l-kelma sħuna li kellu kienu jirbħu l-qlub u jagħmlu l-ħbieb barra minn ammiraturi sinċieri u nies, kurjużi f' ruħhom, xewqanin li jifhmu x' kellu fih dak il-patri Franġiskan. Hekk baqa' jaħdem sakemm felaħ, u kien għadu jittama li xiħaġa oħra kien jilħaq jagħmilha wkoll.

Gawda mill-barka tal-Ministri Ġenerali kollha fil-ħidma tiegħu. Is-Sagru Kunvent u ċ-CEFID xehdu fit-tul kif kien jaħdem u fejn kien jilħaq. Ir-rivista *"San Francesco Patrono d'Italia"* ġabret u refgħet ħafna mill-ġrajja tiegħu. Laħaq minn tarf sa tarf id-dinja. Iltaqa' ma' nies għolja fil-politka u dawn urewh mal-ġieħ il-ħbiberija. Iltaqa' ma' mexxejja reliġjużi, ma' nies ta' kull twemmin. Kelmtu le kienet nieqsa u l-għerf nisrani, mat-tagħlim, baqa' t-tira fi kliemu li laħaq bih il-qlub u l-imħuħ tan-nies sempliċi li daru miegħu. Kellu tweġiba ħielsa u ma kienx jiddawwar bi kliem fieragħ biex jixgħellek ħajta dawl li tittamak. Għajnejh ċkejknin kienu jaraw fil-bogħod u xofftejh, miksurin fi tbissima ferrieħa li taħjik, kellhom il-ħlewwa ta' tiċliqa għasel ta' Malta. Il-barranin setgħu ma kenux jafu bil-għasel ta' Malta, imma daqu ħlewwietu u lagħqu xofftejhom bla ma kien jafu għala. Lil Malta ħadha miegħu kullimkien u Malta tatu l-ogħla ġieħ, tar-Repubblika.

Is-saħħa u l-qawwa m' humiex bir bla qiegħ. Xi snin ilu kien beda jħoss xiħaġa u beda jifhem li ħajtu kienet imhed'da bis-serjetà. Daħlet ix-xafra u għamlet tagħha; warajha bdew il-kwies minn barra jserrħu n-natura. Ġismu beda jmur lura la ta' ġewwa ma kienx iktar sħiħ. Qawwietu bdiet terħih u, għad illi minn dejjem kien ħafif, fuq tiegħu u ma kienx jerfa' laħam, qafsu baqa' jinsibek sa ma safa għadma u ġilda. Ġo fih kellu t-taħsir; ma setax jibqa' moħbi. It-tobba għamlu l-"mirakli" tagħhom u P. Massimiljan baqa', xħin jieħu ftit ir-ruħ, jaħdem u jżur in-nies imqar bil-

kedda tal-ftit saħħa li kien għad fadallu. Tar 'il bogħod u reġa' lura Assisi, sakemm ma reġax iktar. F' Diċembru li għadda ħaduh l-isptar. Hu u kien ħiereġ mis-Sagru Kunvent, xħin ħares lejn it-tisqifa qabel il-ħnejja ta' fuq il-bieb ta' barra, staqsa lilu nnifsu: "Tgħid, għadx naraha darb'oħra, ħaj?!" Din tennieha lili meta mort narah dan l-aħħar. Kien raha, u reġa' lura f' ċelltu.

Laqgħetu s-sodda u kienet ħanina miegħu. Daqqiet refgħuh dirgħajn Fra Lażżru Longhi, tal-provinċja Rumana imma joqgħod Assisi, li baqa' jieħu ħsiebu sa l-aħħar. L-imħadet rifduh u żammewh nofsu wieqaf fis-sodda. Meta mort narah dan l-aħħar, fi Frar li għadda, P. Baskal tektek ħafif ħafif fuq il-bieb u xeħtu 'l ġewwa. Tawwal għonqu u qalli: "Rieqed!" Warajh ittawwalt jien ukoll u hekk rajtu, rieqed. Rasu wieqfa fuq għonqu, mhix mitluqa, qisu jgħarrex fil-bogħod b' għajnejh imbexxqa. Inġbidt 'il barra u stennejnieh iqum. Xħin ġie f' tiegħu niżżluh mis-sodda, fuq siġġu, u dħalt nitkellem miegħu. Nitkellem, kienet il-fehma tiegħi; ma seħħlix. Ħa l-mazz f' idejh u beda jfesdaq tifkiriet u tagħrifiet tal-ħidma tiegħu. Jiena smajtu bil-pjaċir u osservajt kemm kien iseħħlu jżomm id-diskors marbut; ma kienx jixtered, tafux! Sejjaħli b' kull mod: Albert u Bert, Pawl u Paul, qisu biex imesmes ħelu ħelu l-medda twila ta' ħajjitna flimkien. Kellimni fuq ħutu, fuq il-pastorali tal-qrar. F' ħin minnhom qal: "Ħa nċemplu lill-Provinċjal", u ċempilna Malta. Qbadnieh u tkellem qisu kien għadu jtajjar is-saħħa. Tkellimna aħna wkoll. Wara, baqa' jitkellem sa ma għeja, qisu nfena; ħalqu nixef. Imbagħad qalli: "Albert, għajjejt, tafx. Tridx tmur u tħallini ftit, ħa nistrieħ." Ma damx għax siket mill-ewwel; kien ħadu n-ngħas. Rajtu darb' oħra bil-lejl qabel ma raqad u l-għada qabel ma tlaqt lejn Ruma mill-ġdid. Dan kien fi Frar.

Ġie miegħi P. Baskal sal-venda biex naqbad il-karrozza. Rawni s-Sorijiet tal-Ġilju u niżżluni huma lejn il-ferrovija. Ridt nagħti l-biljett tal-karrozza lil P. Baskal; lili ma kienx jiswili. Qalli b' nofs tbissima: "Żommu għal darb' oħra!" U qbadt it-tren lejn Ruma. Kienet ta' l-aħħar dik? Illum hekk ngħid.

Miet fit-3 tax-xahar u fil-5 il-funeral. Minn jum il-mewt sa xħin sibt ruħi quddiemu, magħluq f' tebut, kienet sahra waħda. Kelli nistħajlu għax kont nobsor li ma kontx se nerġa' narah b' għajnejja. Kienu qishom se jistennew lili biex jissiġillawh! Ħanin il-ġuf li ġiebu; infetaħ ħaj, ta l-ħajja! Aħna kollox nagħalqu saħansitra l-mewt! Rajtu mimdud fi ħsiebi, wara li l-mewt xorbitlu n-nifs ta' l-aħħar. Il-kefen ma bidlux; hu baqa' kif qegħduh, liebes it-tonka, b' kuruna tar-Rużarju bejn is-swaba'. Wara rajtu fir-ritratti

ta’ Fra Etienne Gilson; kif kont stħajjiltu sewwa. Dehritli t-tonka iktar mixħuta fuqu inkella milbusa, imma kien u baqa’ l-Franġiskan li libes u ipprofessa.

Miegħi jien ħadt l-ewwel kuruna tar-Rużarju li ilha għandi mindu dħalt patri. Għala għażilt lilha b’ sieħba għall-waqt bħal dak? Fiha għandi salib imdendel li kont partatt, jien proband, ma’ Fra Massimiljan. Tfal konna t-tnejn u jiena xħin rajt f’ idejh dak is-salib sabiħ, għedtlu: “’Tihuli!” “Mela x’ nagħmel?!”, qalli, ftit imkabbar. “Għandek x’ tixxennaq!” Kien għal qalbu mhux ftit. Kien salib tal-metall, ċkejken; fuq naħa kellu lil San Franġisk ta’ Dupré u fuq wara l-Barka ta’ San Franġisk lil Fra Leone. Ftit wara għaddieli ħsieb, għax kien iġemma’ s-santi, u għedtlu: “Kemm tridni nagħtik santi? Ħa npart’tuh!” Hu fehem li kont nixtiequ. Tajtu għaxar santi bil-bordura tad-deheb, kif konna ngħidulhom, u telaquli f’ idejja. Kien kuntent jarah fil-kuruna tiegħi. U dil-kuruna missejtha ma’ tebutu wkoll biex hu wkoll igawdi mill-Barka ta’ San Franġisk, li kien ħallieli minn daqshekk kmieni.

Wara l-Quddiesa, b’ nies magħrufin li tkellmu fiha u ftakru l-ħidma sfiqa ta’ P. Massimiljan, u wara l-barka bit-tislima lit-tebut bil-kadavru tiegħu, ħadnieh fiċ-ċimiterju ta’ Assisi fejn hemm zijuh il-patri wkoll midfun, P. Ludovik Mizzi, missjunarju. Bisna t-tebut biex nilħqu ’l ta’ ġo fih u r-rġiel refgħuh fil-għoli, fir-raba’ livell mill-art, fuq ix-xellug, int u tħares lejn il-qabar numru 51 fin-naħa l-ġdida. Kollox kien skiet u flokna, dehra li tidher, ħallejna l-fjuri sbieħ li l-patrijiet, ħutu u l-ħbieb tawh b’ xiehda ta’ mħabbithom. Kollha xtaquh bħalkieku jistrieħ fuqhom minflok fuq l-iebes ta’ l-injam u fuq il-ksieħ tal-qiegħa ta’ qabar magħluq dlam.

Hemm ħalljenieh u ħdejh biċċa minn qalbna. R.I.P.

(fr albert m sammut ofmconv)

S.C.V., 05.03.2008